Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,448, 28 ta' Lulju, 2020

Taqsima B

A.L. 299 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Safeguarding of Children and Young People taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija u tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà tat-Teoloġija u tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81(1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Safeguarding of Children and Young People taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija u l-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bordijiet tal-Fakultà tat-Teoloġija u l-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Safeguarding of Children and Young People;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għas-Certificate in Safeguarding of Children and Young People; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-bord tal-intervisti, permezz ta' intervista, li huma kisbu il-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. Flimkien mal-applikazzjoni tagħhom dawn l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom biex jidħlu fil-Kors u kopja tal-*Curriculum Vitae* tagħhom.

(3) Il-bord tal-intervisti għandu jkun maħtur mill-Bordijiet tal-Fakultajiet li qegħdin joffru l-Kors. Il-bord tal-intervisti għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

(4) Kull applikant irid jgħaddi minn test ta' profiċjenza fl-Ingliż, kif approvat mill-Bordijiet tal-Fakultajiet li qegħdin joffru l-Kors.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

6. Suġġett għal tibdiliet li l-Bordijiet jistgħu, bl-approvazzjoni tas-Senat, ikunu kostretti jagħmlu, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

8. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-krettu kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.